# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
COLLINS
ippreżentati fit-13 ta' Ottubru 2022 [1]

**Kawża C-349/21**

**HYA,**
**IP,**
**DD,**
**ZI,**
**SS**
**il-parti oħra fil-proċedura:**
**Spetsializirana prokuratura**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Ispetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Ipproċessar ta' data personali u protezzjoni tal-ħajja privata – Direttiva 2002/58/KE – Artikolu 5(1) u Artikolu 15(1) – Kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi – Deċiżjoni ġudizzjarja li tawtorizza interċettazzjoni telefonika fir-rigward ta' persuni ssuspettati li wettqu reat kriminali serju – Mudell jew formola standard – Motivazzjoni – Sorveljanza illegali – Ammissibbiltà ta' prova li nkisbet b'mod illegali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 7 u Artikolu 47"

## I. Introduzzjoni

1. Permezz ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, l-Ispetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija) tistaqsi jekk prassi fejn awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' miżuri ta' sorveljanza moħbija għall-interċettazzjoni, reġistrazzjoni u l-ħażna ta' konverżazzjonijiet bejn persuni ssuspettati (iktar 'il quddiem "interċettazzjoni telefonika") permezz ta' mudell ġenerali ta' test mingħajr ebda individwalizzazzjoni hijiex kompatibbli mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE [2], moqri flimkien mal-Artikolu 5(1) u l-premessa 11 tagħha. Hija tistaqsi wkoll jekk l-assenza ta' motivazzjoni individwalizzata f'tali awtorizzazzjonijiet tistax tiġi rrimedjata permezz ta' evalwazzjoni retrospettiva, *de novo*, mill-imħallef tas-smigħ u, fil-każ ta' risposta negattiva, jekk provi li nstabu li nkisbu bi ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet jistgħux jiġu ammessi bħala provi.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-Dritt tal-Unjoni Ewropea*

2. Il-Premessa 2 tad-Direttiva 2002/58 tiddikjara:

"Din id-Direttiva tfittex li tirrispetta d-drittijiet fondamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea [iktar 'il quddiem "il-Karta"]. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet stipulati fl-Artikoli 7 u 8 ta' dik il-Karta."

3. Il-Premessa 11 tad-Direttiva 2002/58 tiddikjara:

"Bħad-Direttiva 95/46/KE[3], din id-Direttiva ma tittrattax kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fondamentali relatati ma' l-attivitajiet li mhumiex regolati mil-liġi Komunitarja. Għaldaqstant ma tbiddilx il-bilanċ eżistenti bejn id-dritt ta' l-individwu għall-privatezza u l-possibbiltà għall-Istati Membri li jieħdu l-miżuri msemmijin fl-Artikolu 15(1) ta' din id-Direttiva, neċessarji għall-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, difiża, sigurta ta' l-Istat (li tinkludi il-ġid ekonomiku ta' l-Istat meta l-attivitajiet huma ta' materja ta' sigurtà ta' l-Istat) u l-infurzar tal-liġi kriminali. Konsegwenetement, din id-Direttiva ma taffetwax l-abbiltà ta' l-Istati Membri li jwettqu l-interċezzjoni legali ta' komunikazzjoni elettronika, jew li jieħdu miżuri oħra, jekk neċessarji għal kwalunkwe wieħed minn dawn l-iskopijiet u skond il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, [iktar 'il quddiem il-"KEDB"], hekk kif interpretati mid-deċi\jonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dawn il-miżuri għandhom jkunu xierqa, strettament proporzjonali għall-iskop maħsub kif ukoll neċessarji fi ħdan soċjetà demokratika u għandhom ikunu suġġetti għal salvagwardji adegwati skond il-[KEDB]."

4. Taħt l-intestatura "Konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet", l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/58 jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u data dwar it-traffiku relatati permezz ta' network ta' komunikazzjoni pubblika u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament, permezz ta' liġijiet nazzjonali. Partikolarment għandhom jipprojbixxu s-smigħ, tapping, ħażna jew modi oħrajn ta' interċettazzjoni jew sorveljanza ta' komunikazzjonijiet u d-data dwar it-traffiku relatati minn persuni minbarra l-utenti, mingħajr il-kunsens ta' l-utenti konċernati, ħlief fejn legalment awtorizzati li jagħmlu dan skond l-Artikolu 15(1). Dan il-paragrafu m'għandux jipprevjeni l-ħażna teknika li hija meħtieġa biex tintbagħat komunikazzjoni mingħajr preġudizzju għall-prinċijpju tal-kunfidenzjalità."

5. L-Artikolu 15, bl-intestatura "Applikazzjoni ta' xi disposizzjonijet tad-Direttiva 95/46/KE" jiddikjara, fil-paragrafu (1) tiegħu:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri leġislativi biex jirrestrinġu l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 8(1), (2), (3) u (4), u

3 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE ta' l-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355), imħassra u ssostitwita bir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2), kif emendat.

l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva meta tali restrizzjoni tikkostitwixxi miżura neċessarja, xierqa u proporzjonata f'soċjeta' demokratika biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali (i.e. is-sigurtà ta' l-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew ta' użu mhux awtorizzat tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46/KE. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri jistgħu, *inter alia*, jadottaw miżuri leġislativi li jipprovdu għaż-żamma ta' l-informazzjoni għal perjodu limitat iġġustifikat għarr-raġunijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu. Il-miżuri kollha msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."

## *B. Id-dritt Bulgaru*

6. L-Artikolu 121(4) tal-Kostituzzjoni Bulgara jipprevedi li "atti ġudizzjarji għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet".

7. L-Artikolu 34 tan-Nakazatelno-protsesualen kodeks (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali; iktar 'il quddiem in-"NPK")[4] jipprevedi li "kull att tal-qorti għandu jkun fih [...] motivazzjoni [...]"

8. L-Artikolu 172 tan-NPK huwa fformulat kif ġej:

"(1) . L-awtoritajiet responsabbli għall-istadju preliminari tal-proċeduri jistgħu jagħmlu użu minn metodi investigattivi speċjali – tagħmir elettroniku u tekniku [...], li għandhom iservu sabiex jirreġistraw l-attivitajiet tal-persuni ssorveljati [...]

(2) . Metodi investigattivi speċjali għandhom jintużaw fejn dan huwa neċessarju għall-investigazzjoni ta' reati kriminali intenzjonati serji [...], fejn l-istabbiliment taċ-ċirkustanzi inkwistjoni huwa impossibbli bi kwalunkwe mod ieħor, jew hemm diffikultajiet eċċezzjonali."

9. Skont l-Artikolu 173(1) tan-NPK:

"Sabiex jintużaw il-metodi investigattivi speċjali fl-istadju preliminari tal-proċeduri, il-prosekutur pubbliku li jissorvelja għandu jissottometti lill-qorti talba bil-miktub li tiddikjara r-raġunijiet. [...]"

10. L-Artikolu 174 tan-NPK jipprevedi:

"[...]

(3) . Awtorizzazzjoni għall-użu ta' metodi investigattivi speċjali fi proċeduri fil-ġurisdizzjoni tal-Ispetsializiran nakazatelen sad [(il-Qorti Kriminali Speċjalizzata)] għandha tingħata minn qabel mill-President tagħha [...]

(4) . L-awtorità indikata fil-paragrafi 2 sa 3 għandha tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat [...]'

4 DV Nru 86 tat-28 ta' Ottubru 2005 (l-iktar verżjoni reċenti DV Nru 16 tat-23 ta' Frar 2021).

11. L-Artikolu 3(1) taz-Zakon za spetsialnite razuznavatelni sredstva (il-Liġi dwar il-Metodi Investigattivi Speċjali; iktar 'il quddiem iz-"ZSRS")[5] jipprevedi:

"Metodi investigattivi speċjali għandhom jintużaw fejn dan huwa neċessarju sabiex jipprevjenu u jiskopru reati kriminali intenzjonati serji [...], fejn il-ġabra tal-informazzjoni neċessarja hija impossibbli bi kwalunkwe mod ieħor, jew hemm diffikultajiet eċċezzjonali."

12. L-Artikolu 12(1)(1) taz-ZSRS jipprevedi:

"Metodi investigattivi speċjali għandhom jintużaw għal persuni li fir-rigward tagħhom hemm informazzjoni u bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li huma qegħdin jippreparaw, iwettqu jew wettqu kwalunkwe mir-reati kriminali intenzjonati serji indikati fl-Artikolu 3(1)."

13. L-Artikolu 13(1) taz-ZSRS jispeċifika l-awtoritajiet u l-aġenziji li jistgħu jitolbu sabiex jużaw metodi investigattivi speċjali u sabiex jagħmlu użu mill-informazzjoni u provi materjali miġbura permezz ta' dawn il-metodi.

14. L-Artikolu 14(1)(7) taz-ZSRS jiddikjara:

"L-użu ta' metodi investigattivi speċjali jeħtieġ talba bil-miktub motivata mill-kap amministrattiv rilevanti tal-awtoritajiet indikati fl-Artikolu 13(1) jew il-prosekutur pubbliku li jissorvelja, jew, skont il-każ, mill-awtorità indikata fl-Artikolu 13(3), u fil-każ tad-direttorat indikat fl-Artikolu 13(1)(7), mid-direttur tiegħu, li fiha [...] r-raġunijiet għalfejn il-ġabra tal-informazzjoni neċessarja hija impossibbli bi kwalunkwe mod ieħor, jew deskrizzjoni tad-diffikultajiet eċċezzjonali li hemm għall-kollezzjoni tagħha."

15. L-Artikolu 15(1) taz-ZSRS jipprevedi:

"Il-kapijiet tal-awtoritajiet indikati fl-Artikolu 13(1) jew il-prosekutur pubbliku li jissorvelja, u fil-każ tad-direttorat indikat fl-Artikolu 13(1)(7), il-President tal-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u għall-konfiska ta' assi miksuba b'mod illegali, għandhom jissottomettu t-talba lill-Presidenti tas-Sofiyski gradski sad [(il-Qorti tal-Belt ta' Sofija, il-Bulgarija)], lill-qrati reġjonali jew militari rilevanti, lill-Ispetsializiran nakazatelen sad [(il-Qorti Kriminali Speċjalizzata)], jew lil Viċi-President li huwa awtorizzat minnhom, li għandhom, fi żmien 48 siegħa, jawtorizzaw bil-miktub l-użu ta' metodi investigattivi speċjali jew jirrifjutaw l-użu tagħhom, u jimmotivaw id-deċiżjonijiet tagħhom."

## III. It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16. L-Ispetsializirana prokuratura (l-Uffiċċju tal-prosekutur pubbliku speċjalizzat, il-Bulgarija) ressaq proċeduri kriminali kontra ħames persuni għall-parteċipazzjoni allegata tagħhom fi grupp kriminali organizzat li assista lil ċittadini ta' pajjiż terz sabiex jidħlu fit-territorju Bulgaru b'mod illegali, u l-istess individwi kienu akkużati wkoll li taw jew ħadu tixħim b'konnessjoni ma' dan l-att. Dawn l-atti jikkostitwixxu "reati serji" fid-dritt Bulgaru.

17. Fl-10 ta' April 2017, waqt l-istadju preliminari tal-proċeduri, il-prosekutur ippreżenta rikors sabiex jintużaw metodi investigattivi speċjali, li jinkludu interċettazzjoni telefonika, fir-rigward ta' wieħed mill-persuni akkużati, IP.

[5] DV Nru 95 tal-21 ta' Ottubru 1997(L-iktar verżjoni reċenti Nru 69 tal-4 ta' Awwissu 2020).

18. Ir-rikors huwa itwal minn tmien paġni. L-ewwel paġna u n-nota ta' qiegħ il-paġna tal-paġni 2 sa 8 għandhom numru ta' riferiment. Ir-rikors jibda b'deskrizzjoni tal-miżuri operazzjonali intenzjonati. Huwa jidentifika s-suġġett intenzjonat tal-miżuri bl-isem, numru ta' identifikazzjoni, indirizz, funzjoni u post tax-xogħol. Huwa jiddikjara n-numru tal-mobajl u dettalji oħrajn tal-karta bi ħlas minn qabel użata mill-persuna li għandha titqiegħed taħt sorveljanza.

19. Ir-rikors fih raġunijiet li jiġġustifikaw l-użu tal-miżuri ta' sorveljanza. L-ewwel paragrafu taħt din l-intestatura jidentifika l-proċeduri preliminari u r-reat kriminali li qiegħed jiġi investigat, kemm b'riferiment għall-artikoli rilevanti tan-NPK kif ukoll għan-natura tar-reat. It-tieni paragrafu jirreferi għal testimonjanza ta' xhud miksuba mill-Ispetsializirana prokuratura (l-Uffiċċju tal-prosekutur pubbliku speċjalizzat) dwar l-attività kriminali, l-istruttura tagħha u l-irwol tal-parteċipanti fiha. It-tielet paragrafu fih testimonjanza ta' xhieda ulterjuri li tispeċifika kif ħadem il-grupp kriminali u l-involviment tal-persuna kkonċernata. Dan il-paragrafu jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-mod li bih is-suġġett ikkomunika ma' oħrajn fil-grupp kriminali, flimkien ma' riferiment għan-numru tal-mobajl użat li jaqbel ma' dak elenkat fl-ewwel paragrafu tar-rikors. Din is-sezzjoni tikkonkludi bl-osservazzjoni li t-testimonjanza tax-xhud tiġġustifika l-konklużjoni li grupp kriminali qiegħed jopera fil-Bulgarija.

20. Ir-rikors jispjega għalfejn il-miżuri mitluba jitqiesu neċessarji u jistabbilixxi l-azzjonijiet li kienu diġà ttieħdu sabiex jiġu identifikati l-persuni involuti fil-grupp kriminali. Ir-rikors fih spjegazzjoni ddettaljata ulterjuri għalfejn l-attivitajiet tas-suġġett jiksru diversi dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni.

21. Il-paragrafu sussegwenti tar-rikors jistabbilixxi r-raġunijiet għalfejn provi li jwasslu għall-kundanna ma jistgħux jinkisbu b'xi mod ieħor. Dan jasserixxi b'mod partikolari li l-persuni involuti jiffurmaw grupp magħluq u li huwa diffiċli li jinkisbu provi dwar il-laqgħat tagħhom. L-aħħar paragrafu tar-rikors jagħti dettalji tal-uffiċjal awtorizzat li għandu jkun innotifikat bir-riżultati tas-sorveljanza proposta.

22. Fl-istess ġurnata, il-President tal-Ispetsializiran nakazatelen sad (iktar 'il quddiem il-"Qorti Kriminali Speċjalizzata") awtorizza l-interċettazzjoni ta' konverżazzjonijiet telefoniċi, ir-reġistrazzjoni tagħhom u l-ħażna tar-reġistrazzjonijiet għall-finijiet ta' proċeduri kriminali. Id-digriet iniżżel l-isem u l-funzjoni tal-persuna li awtorizzat il-miżuri. Dan jiddikjara li l-awtorità li għamlet ir-rikors aġixxiet fil-kompetenza tagħha u li hemm indikazzjonijiet suffiċjenti li twettaq reat taħt l-Artikolu 172(2) tan-NPK jew l-Artikolu 3(1) taz-ZSRS, li jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Ispetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata). Dan jistabbilixxi li r-rekwiżiti tal-Artikoli 4, 12, u 21 taz-ZSRS, jew tal-Artikolu 175(2) tan-NPK, huma ssodisfatti. Huwa jawtorizza l-metodi ta' sorveljanza stabbiliti fir-rigward tal-persuna identifikata fir-rikors li għandha numru ta' riferiment li jikkorrispondi ma' dak li jidher fl-ewwel paġna u fin-nota ta' qiegħ il-paġna tal-paġni 2 sa 8 tar-rikors. L-awtorizzazzjoni hija ffirmata, issiġillata u bid-data tal-10 ta' April 2017. L-ewwel paġna tat-talba għall-awtorizzazzjoni għandha l-istess firma, siġill u data.

23. Rikorsi simili saru fir-rigward ta' persuni oħrajn li qegħdin jiġu investigati b'konnessjoni mal-involviment tagħhom fl-istess grupp kriminali. Il-motivazzjoni mogħtija mill-President tal-Ispetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata) tidher li hija identika, ħlief li f'kull każ l-awtorizzazzjoni tidher li tagħmel kontroreferenza għal rikors differenti.

24. Skont il-qorti tar-rinviju, il-mudell ġenerali ta' test tal-awtorizzazzjonijiet ikopri x-xenarji varji li fihom sorveljanza moħbija tista' tkun legalment awtorizzata. Hija prassi standard li l-awtorizzazzjoni ma tinkludix motivazzjoni individwalizzata għall-ħruġ tagħha. Il-qorti tar-rinviju għalhekk kellha dubji dwar jekk l-awtorizzazzjonijiet kinux irraġunati b'mod tajjeb.

25. Bħala riżultat tal-miżuri ta' sorveljanza awtorizzati, ċerti konverżazzjonijiet telefoniċi tal-persuni ssuspettati kienu rreġistrati u maħżuna. Il-qorti tar-rinviju taċċetta li dawn il-konverżazzjonijiet huma rilevanti sabiex jipprovaw l-akkużi kriminali kontra l-akkużati, iżda tistaqsi dwar jekk humiex ammissibbli fil-każ li l-awtorizzazzjonijiet jitqiesu li huma illegali. Hija għalhekk issospendiet il-proċeduri u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Il-qari flimkien tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(1), tal-Artikolu 5(1) u tal-premessa 11 tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jippermetti prassi tal-qrati nazzjonali fi proċeduri kriminali, li permezz tagħha l-qorti tawtorizza s-sorveljanza, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' konversazzjonijiet telefoniċi ta' persuni suspettati permezz ta' mudell ġenerali ta' test imfassal minn qabel li fih huwa sempliċement affermat, mingħajr ebda individwalizzazzjoni, li d-dispożizzjonijiet legali huma osservati?

(2) Fil-każ ta' risposta negattiva, jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-Unjoni, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi interpretata fis-sens li l-informazzjoni rċevuta wara tali awtorizzazzjoni tintuża sabiex tiġi pprovata l-akkuża?"

26. IP, DD, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Waqt is-smigħ fis-6 ta' Lulju 2022, l-Irlanda u l-Kummissjoni ppreżentaw argument orali u wieġbu għall-mistoqsijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Fir-rigward tal-ewwel domanda preliminari, IP u DD jikkunsidraw li l-awtorizzazzjonijiet huma illegali għaliex ma fihomx motivazzjoni individwalizzata. Bħala riżultat, id-dritt għall-ħajja privata tagħhom ma kienx protett adegwatament minn indħil arbitrarju. Huma jsostnu wkoll li ma jistgħux jikkontestaw l-awtorizzazzjonijiet b'mod effettiv, u dan jikser id-drittijiet tagħhom taħt l-Artikolu 47 tal-Karta. Ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda u l-Kummissjoni huma tal-fehma li qari tar-rikors u tal-awtorizzazzjoni flimkien jista' jkun suffiċjenti sabiex jippermetti lill-persuni akkużati li jibnu kontestazzjoni legali effettiva kontra l-awtorizzazzjonijiet sabiex jiġu esklużi l-provi miksuba permezz tagħhom.

28. Fir-rigward tat-tieni domanda, IP u DD jikkunsidraw li l-provi miksuba b'mod illegali ma humiex ammissibbli. DD huwa wkoll tal-fehma li ma huwiex possibbli għall-imħallef tas-smigħ sabiex jevalwa l-legalità tal-awtorizzazzjonijiet retrospettivament. L-Irlanda tikkunsidra li l-ammissibbiltà tal-provi hija kwistjoni proċedurali li ma hijiex irregolata mid-dritt tal-Unjoni li taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni taqbel mal-Irlanda, bla ħsara għar-riżerva li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, prova li tirrigwarda qasam tekniku li dwaru l-imħallfin ma għandhomx għarfien u li x'aktarx tinfluwenza b'mod sinjifikattiv l-evalwazzjoni tal-fatti għandha tkun eskluża fiċ-ċirkustanzi kollha.

## IV. Kunsiderazzjoni tad-domandi preliminari

### *A. Fuq l-ewwel domanda preliminari*

29. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk awtorizzazzjoni ġudizzjarja għal interċettazzjoni telefonika fil-forma ta' mudell ġenerali ta' test li tiddikjara li d-dispożizzjonijiet statutorji għal sorveljanza ġew osservati, iżda li ma fihiex raġunijiet individwalizzati, hijiex kompatibbli mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri flimkien mal-Artikolu 5(1) u l-premessa 11 tagħha.

#### *1. Applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58*

30. Skont l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2002/58, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-operazzjonijiet kollha li jipproċessaw data personali mwettqa mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, inklużi operazzjonijiet ta' pproċessar li jirriżultaw minn obbligi li awtoritajiet pubbliċi jimponu fuq dawn il-fornituri. Huwa biss fejn Stati Membri jimplimentaw direttament miżuri li jidderogaw mir-regola li komunikazzjonijiet elettroniċi huma kunfidenzjali, mingħajr ma jimponu obbligi fuq fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li l-protezzjoni ta' data ma tibqax koperta mid-Direttiva 2002/58 iżda mid-dritt nazzjonali, bla ħsara għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/680[6], bir-riżultat li dawn il-miżuri nazzjonali għandhom josservaw, *inter alia*, id-dritt kostituzzjonali nazzjonali u l-KEDB[7].

31. Id-deċiżjoni tar-rinviju ma tiżvelax, u l-partijiet li attendew għas-smigħ ma setgħux jikkonfermaw, jekk il-miżuri ta' sorveljanza inkwistjoni preżentement kinux implimentati minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. L-identità tal-korp li wettaq il-miżuri ta' sorveljanza hija kwistjoni li għandha tiġi stabbilita mill-qorti nazzjonali.

32. Sabiex nirrispondi għad-domandi preliminari, jiena ser nassumi li huma twettqu minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li l-miżuri għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58[8].

33. It-tieni kwistjoni tirriżulta mill-fatt li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58 jippermetti lill-Istati Membri sabiex "jadottaw miżuri leġislativi biex jirrestrinġu l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikolu 5 [...]". Id-dubji tal-qorti tar-rinviju ma humiex daqs tant dwar il-miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 15(1), iżda huma iktar dwar kif il-ġudikatura tagħtihom effett. Dawn id-dubji jitfgħu lill-ewwel domanda preliminari 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58? Ma naħsibx li jagħmlu dan. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu fil-forma ta' digriet motivat. Il-materjal quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jindika li l-awtorizzazzjonijiet jinkludu dikjarazzjoni fis-sens li r-rekwiżiti tal-liġi huma ssodisfatti. Il-kwistjoni hija jekk dan ir-raġunament huwiex suffiċjenti, minħabba li d-digrieti huma fil-forma ta' mudell ta' test li ma

[6] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, u rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

[7] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 103).

[8] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970); tat-2 ta' Ottubru 2018, Ministerio Fiscal (C-207/16, EU:C:2018:788); tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791); u tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għal data li tirrigwarda komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152).

fihx raġunijiet individwalizzati. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju għalhekk jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tar-regoli nazzjonali u prassi ġudizzjarja applikabbli.

*2. Evalwazzjoni*

34. L-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqrija flimkien, jeħtieġu lill-Istati Membri essenzjalment sabiex jipprojbixxu s-smigħ, l-interċettazzjoni, il-ħażna jew modi oħrajn ta' interċettazzjoni jew sorveljanza ta' komunikazzjonijiet mingħajr il-kunsens tal-utenti, ħlief meta dan huwa neċessarju, xieraq u proporzjonat għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien, u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Tali miżuri għandhom ikunu skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, inkluż il-prinċipju ta' proporzjonalità u dawk li għalihom jirreferi l-Artikolu 6(1) u (2) TUE.

35. Skont l-Artikolu 6(1) TUE, l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta. Skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tagħha huma intiżi għall-Istati Membri meta huma jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.

36. Awtorizzazzjonijiet għall-interċettazzjonijiet telefoniċi jikkostitwixxu ndħil fid-drittijiet tal-persuni akkużati sanċiti fl-Artikolu 7 tal-Karta [9]. Tali ndħil jista' jitħalla biss, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, jekk huwa previst mil-liġi u jekk, filwaqt li tiġi rrispettata l-essenza ta' dawn id-drittijiet u bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u ġenwinament jilħaq l-għanijiet ta' interess ġenerali li tirrikonoxxi l-Unjoni.

37. Il-prinċipju ta' effettività huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fejn l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma għandhiex issir impossibbli jew eċċessivament diffiċli [10]. Dan jinkludi d-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv [11]. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, barra minn hekk, jipprevedi li kull persuna li jinkisrulha d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti bl-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu. Fejn l-għotja tal-awtorizzazzjoni ma kinitx tinvolvi s-smigħ tas-suġġett tal-miżuri ta' sorveljanza, bħal f'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jirrigwarda stħarriġ ġudizzjarju effettiv, li huwa rilevanti, u mhux it-tieni paragrafu dwar id-dritt għal smigħ xieraq.

38. Hija ġurisprudenza stabbilita li jekk id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta għandu jkun effettiv, il-persuna kkonċernata għandha tkun taf ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha, billi taqra din id-deċiżjoni jew inkella billi tistaqsi jew tirċievi notifika ta' dawn ir-raġunijiet, sabiex tkun tista' tiddefendi d-drittijiet tagħha fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u sabiex tkun tista' tiddeċiedi, bl-għarfien sħiħ tal-fatti rilevanti, jekk ikunx utli li tippreżenta rikors għal stħarriġ ġudizzjarju quddiem qorti bil-ġurisdizzjoni li tistħarreġ il-legalità ta' din id-deċiżjoni [12].

9 Sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 Sentenza tal-14 ta' Diċembru 1995, van Schijndel and van Veen (C-430/93 u C-431/93, EU:C:1995:441, punt 19).

11 Għal diskussjoni dwar l-interazzjoni bejn il-prinċipju ta' effettività u l-Artikolu 47 tal-Karta ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek f'Banger (C-89/17, EU:C:2018:225, punti 99 sa 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata); tal-4 ta' Ġunju 2013, ZZ (C-300/11, EU:C:2013:363, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata); tat-23 ta' Ottubru 2014, flyLAL-Lithuanian Airlines (C-302/13, EU:C:2014:2319, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata); u tal-24 ta' Novembru 2020, Minister van Buitenlandse Zaken (C-225/19 u C-226/19, EU:C:2020:951, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39. Il-firxa tal-obbligu li tingħata motivazzjoni tista' tvarja skont in-natura tad-deċiżjoni kkontestata. Dan l-obbligu għandu jkun eżaminat fid-dawl tal-proċeduri fl-intier tagħhom u ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha sabiex jiġi aċċertat jekk dawk ikkonċernati jistgħux jippreżentaw appell xieraq u effettiv minn din id-deċiżjoni [13].

40. F'din il-kawża, l-awtorizzazzjonijiet jikkonsistu f'mudell ġenerali ta' test li fih ċerti elementi biss, bħan-numri ta' riferiment, dati u s-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-dewmien tal-miżuri ta' sorveljanza, huma individwalizzati. Għalhekk ma huwiex possibbli għall-persuni akkużati sabiex jaċċertaw, permezz ta' riferiment għal dan id-dokument, għalfejn l-imħallef li ta l-awtorizzazzjoni kkunsidra li kienu ġew issodisfatti r-rekwiżiti legali li jippermettu interċettazzjoni telefonika. Dawn l-individwi għalhekk ma jistgħux jiddefendu d-drittijiet tagħhom fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u jiddeċiedu, bl-għarfien sħiħ tal-fatti rilevanti, jekk huwiex utli li jippreżentaw rikors lil qorti bil-ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ il-legalità ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet bl-iskop finali li dawn il-provi jiġu ddikjarati inammissibbli.

41. Madankollu, id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv ma jeħtieġx neċessarjament lill-imħallef li ta l-awtorizzazzjoni sabiex jistabbilixxi, fi kliemu f'dan id-dokument, għalfejn huwa kkunsidra li ġew issodisfatti l-kundizzjonijiet għall-għotja tal-awtorizzazzjoni. Huwa suffiċjenti li r-raġunijiet għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni jkunu jistgħu jiġu aċċertati b'mod affidabbli. Jekk ir-rikors għal awtorizzazzjoni fih spjegazzjoni ċara dwar ir-raġuni għalfejn l-awtorità jew l-uffiċjal li qegħdin jitolbu kkkunsidraw li l-miżuri ta' sorveljanza għandhom jiġu awtorizzati, jista' jiġi preżunt li r-raġunijiet iddikjarati fir-rikors huma dawk li pperswadew lill-imħallef sabiex jagħti l-awtorizzazzjoni [14]. Dan huwa iktar u iktar għaliex, f'dan it-tip ta' proċedura, ir-rikors u kull dokumentazzjoni li ssostnih huma l-unika bażi li fuqha l-awtorizzazzjoni tista' tingħata jew tiġi rrifjutata.

42. Il-punti 18 sa 22 ta' dawn il-konklużjonijiet jiddikjaraw li n-numri ta' riferiment u n-numri ta' identifikazzjoni li jidhru fuq il-faċċata tal-awtorizzazzjonijiet jindikaw li kull awtorizzazzjoni tappartjeni lil rikors individwali fir-rigward ta' persuna speċifika u numru tat-telefon. Ir-rikorsi huma strutturati u ddettaljati. It-testijiet ġuridiċi li l-imħallef għandu japplika sabiex jagħti awtorizzazzjoni huma relattivament sempliċi. Sakemm persuna akkużata tista' tikseb kopja tar-rikors li wassal għall-għoti tal-awtorizzazzjoni fi żmien xieraq [15], hija possibbilment tkun f'pożizzjoni li tkun taf ir-raġunijiet għalfejn ingħatat l-awtorizzazzjoni u sabiex tiddeċiedi, fuq bażi infurmata, jekk għandhiex tikkontestah. Sussegwentement huwa f'idejn il-qorti nazzjonali sabiex tiddetermina, fuq bażi ta' każ b'każ u meħudin inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, jekk id-dritt għal rimedju effettiv li l-persuni akkużati għandhom taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta ġiex protett.

43. L-Artikolu 52(3) tal-Karta huwa intiż li jiżgura konsistenza bejn id-drittijiet li jinstabu f'dan id-dokument u d-drittijiet korrispondenti ggarantiti taħt il-KEDB, mingħajr ma tiġi affettwata b'mod ħażin l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni. Huwa f'dan il-kuntest li kien hemm diskussjoni matul is-smigħ dwar jekk l-approċċ deskritt fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet huwiex f'kunflitt mas-sentenza reċenti tal-Qorti EDB f'Ekimdzhiev [16], fejn dik il-qorti evalwat

[13] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-23 ta' Ottubru 2014, flyLAL-Lithuanian Airlines (C-302/13, EU:C:2014:2319, punti 51 sa 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[14] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fi Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:247, punt 89).

[15] Bla ħsara għar-redazzjoni pereżempju, ta' sigrieti tan-negozju u informazzjoni personali jew sensittiva.

[16] Il-Qorti EDB, 11 ta' Jannar 2022, Ekimdzhiev *et* vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2022:0111JUD007007812).

garanziji ġudizzjarji kontra l-arbitrarjetà u abbuż fir-rigward ta' sorveljanza moħbija, iż-żamma u l-aċċess ta' data ta' komunikazzjonijiet fil-kuntest tal-prassi tal-Ispetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata) fis-snin mill-2015 sal-2019.

44. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonstatat li l-maġġoranza vasta tal-awtorizzazzjonijiet ta' sorveljanza maħruġa ma kienx fihom motivazzjoni proprja. Madankollu hija osservat li l-assenza tar-raġunijiet waħedha ma kinitx twassal awtomatikament għall-konklużjoni li l-imħallfin ma kinux stħarrġu b'mod tajjeb ir-rikorsi għall-awtorizzazzjonijiet ta' sorveljanza, għalkemm numru ta' fatturi wasslu sabiex ikollha nuqqasijiet serji f'dan ir-rigward [17].

45. Għal dawn il-finijiet huwa suffiċjenti li jiġi osservat li s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ekimdzhiev, filwaqt li tqajjem tħassib sinjifikattiv dwar aspetti tal-awtorizzazzjoni ġudizzjarja ta' sorveljanza moħbija fil-Bulgarija, ħalliet miftuħa l-possibbiltà li tali sorveljanza kienet awtorizzata f'ċirkustanzi fejn l-imħallef li jawtorizzaha kkunsidra tajjeb li kienet ġenwinament neċessarja, xierqa u proporzjonata. Fi kwalunkwe każ, persuna akkużata li hija suġġetta għal sorveljanza mwettqa skont awtorizzazzjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tkun taf ir-raġunijiet tal-għotja ta' din l-awtorizzazzjoni u li tiddeċiedi, fuq bażi infurmata, jekk għandhiex tikkontestaha. Huwa f'idejn il-qorti nazzjonali sabiex tevalwa, fi kwalunkwe każ, jekk tali kontestazzjoni hijiex fondata.

46. Jiena għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel domanda kif ġej:

L-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqrija flimkien mal-Artikolu 5(1) u l-premessa 11 tagħha, ma jipprekludux prassi fejn l-interċettazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' konverżazzjonijiet telefoniċi ta' persuni ssuspettati huma awtorizzati permezz ta' mudell ġenerali ta' test li fih huwa ddikjarat li d-dispożizzjonijiet statutorji ġew osservati iżda li ma fihx raġunijiet individwalizzati f'dan ir-rigward, sakemm ir-raġunijiet għall-awtorizzazzjoni jistgħu jsiru magħrufa b'mod affidabbli u kkontestati b'mod effettiv mill-persuna akkużata li kienet is-suġġett tas-sorveljanza billi taqra l-awtorizzazzjoni u r-rikors għal din l-awtorizzazzjoni flimkien.

## *B. Fuq it-tieni domanda preliminari*

47. Minħabba li l-evalwazzjoni tal-legalità tal-awtorizzazzjoni hija kwistjoni għall-qorti tar-rinviju, it-tieni domanda preliminari teħtieġ risposta.

48. It-tieni domanda preliminari hija bbażata fuq żewġ preżunzjonijiet. L-ewwel waħda hija li l-provi kontra nkisbu permezz ta' sorveljanza moħbija mwettqa fuq awtorizzazzjoni li kienet illegali għaliex ma kinitx motivata b'mod xieraq. It-tieni hija li l-persuna akkużata li kienet is-suġġett ta' din is-sorveljanza ma tistax tikkontesta b'mod effettiv il-bażi legali li fuqha hija kienet awtorizzata.

49. Id-deċiżjoni tar-rinviju tistaqsi jekk l-imħallef tas-smigħ jistax jirrimedja illegalità fl-awtorizzazzjoni minħabba nuqqas ta' raġunijiet tajba. Għalkemm it-tħaddim u l-konsegwenzi ta' tali evalwazzjoni retrospettiva ma humiex totalment ċari, u hemm dubji dwar jekk l-imħallef tas-smigħ għandux ġurisdizzjoni sabiex jirrimedja tali illegalità, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju jidher li huwa xieraq li titqies din il-kwistjoni.

[17] Il-Qorti EDB, 11 ta' Jannar 2022, Ekimdzhiev *et* vs Il-Bulgarija (CE:ECHR: 2022:0111JUD007007812, punti 313 sa 321).

50. Il-Kummissjoni osservat li t-tieni domanda preliminari teħtieġ kunsiderazzjoni dwar kif kwalunkwe prova miksuba b'mod illegali jista' jkollha impatt fuq il-ġustizzja globali tas-smigħ kriminali. Id-deċiżjoni tar-rinviju ma tindirizzax din il-kwistjoni. Il-qorti tar-rinviju lanqas ma tipprovdi informazzjoni dwar ir-regoli proċedurali nazzjonali applikabbli, b'mod notevoli kif tali provi jkunu ttrattati fil-proċeduri li jkunu quddiemha. Il-kwistjoni li tqajjem il-Kummissjoni għalhekk tidher ipotetika kollha kemm hi, u għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tindirizzaha fil-kuntest ta' dan ir-rinviju.

*1. Tista' irregolarità fil-motivazzjoni ta' awtorizzazzjoni tiġi rrimedjata permezz ta' evalwazzjoni retrospettiva* de novo?

51. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar iż-żamma ġenerali ta' data u aċċess għaliha tipprovdi risposta għal din id-domanda. Id-dritt nazzjonali għandu jiddetermina l-kundizzjonijiet taħt liema fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom jagħtu aċċess għad-data lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dan għandu jkun fih regoli ċari u preċiżi sabiex jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni tal-miżuri addottati għal dawn il-finijiet u jimponi salvagwardji minimi, sabiex persuni li d-data tagħhom tkun affettwata jkollhom garanziji suffiċjenti li tali data ser tkun protetta effettivament kontra r-riskju ta' abbuż. L-indħil għandu jkun ristrett għal dak li huwa strettament neċessarju. Għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati, aċċess jista' jingħata biss għad-data ta' individwi ssuspettati li qegħdin jippjanaw, iwettqu jew li wettqu reat serju jew li huma mdaħħla b'xi mod jew ieħor f'tali reat. Sabiex jiġi żgurat li dawn il-kundizzjonijiet huma osservati totalment, huwa essenzjali li dan l-aċċess ikun suġġett għal stħarriġ minn qabel, minn qorti jew minn korp amministrattiv indipendenti, ta' talba motivata ppreżentata mill-awtoritajiet xierqa fil-kuntest ta' proċeduri nazzjonali għall-prevenzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Din l-evalwazzjoni għandha tkun dejjem prospettiva, ħlief fil-każijiet ta' urġenza debitament iġġustifikata, fejn għandha ssir fi żmien qasir wara [18]. Kieku kien mod ieħor, sakemm tkun twettqet evalwazzjoni retrospettiva tal-legalità tal-miżuri ta' sorveljanza, ikun laħaq seħħ indħil serju fid-drittijiet tal-akkużat u ta' dawk affettwati b'mod kollaterali. In-nuqqas ta' evalwazzjoni minn awtorità indipendenti għalhekk ma tistax tiġi rrimedjata billi ssir evalwazzjoni *de novo* retrospettivament.

52. Isegwi li evalwazzjoni prospettiva biss tista' tiżgura li ma humiex imposti obbligi bla bżonn fuq fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li l-indħil fid-drittijiet fundamentali sanċiti fil-Karta ma jkunx arbitrarju u li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58 ikunu ssodisfatti. Dan huwa konformi mal-approċċ adottat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha fi Dragojević [19], fejn hija ma aċċettatx prassi fejn il-qrati Kroati evalwaw retrospettivament jekk digrieti ta' sorveljanza kinux legali fiż-żmien tal-ħruġ tagħhom.

[18] Sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970, punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 189 u l-ġurisprudenza ċċitata); tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għal data li tirrigwarda komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-5 ta' April 2022, Commissioner of the Garda Síochána *et* (C-140/20, EU:C:2022:258, punti 110 u 112 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[19] Il-Qorti EDB, 15 ta' Jannar 2015, Dragojević vs Il-Kroazja, (CE:ECHR:2015:0115JUD006895511, punti 127 u 128 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*2. Ammissibbiltà ta' provi miksuba b'mod illegali*

53. L-Artikolu 6 KEDB jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq iżda ma jistabbilixxi ebda regoli dwar l-ammissibbiltà ta' provi bħala tali, li primarjament hija kwistjoni tad-dritt nazzjonali. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem lanqas ma tikkunsidra li l-irwol tagħha huwa li tiddetermina l-ammissibbiltà ta' provi miksuba b'mod illegali [20].

54. Hija ġurisprudenza stabbilita li, fl-assenza ta' regoli tal-Unjoni fuq il-kwistjoni, huwa għas-sistema ġuridika domestika ta' kull Stat Membru sabiex tistabbilixxi r-regoli proċedurali ddettaljati li jirregolaw azzjonijiet intiżi li jipproteġu drittijiet li individwi jieħdu direttament mid-dritt tal-Unjoni, sakemm tali regoli ma humiex inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw azzjonijiet domestiċi simili (il-prinċipju ta' ekwivalenza) u li ma jirrendux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet (il-prinċipju ta' effettività) [21]. Dawn ir-regoli għandhom jirrispettaw ukoll id-drittijiet fundamentali, il-prinċipju ta' legalità u l-Istat tad-dritt, li jidhru fost il-valuri ewlenin tal-Unjoni [22].

55. Skont il-prinċipju ta' ekwivalenza, huwa għall-qorti nazzjonali adita bil-proċeduri kriminali bbażati fuq informazzjoni jew provi miksuba bi ksur tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 2002/58, sabiex tiddetermina jekk id-dritt jew il-prassi nazzjonali jistabbilixxux regoli inqas favorevoli dwar l-ammissibbiltà u l-użu ta' dan il-materjal minn dawk li jirregolaw l-ammissibbiltà u l-użu ta' informazzjoni u provi miksuba bi ksur tad-dritt domestiku.

56. Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, l-għan ta' regoli nazzjonali dwar l-ammissibbiltà u użu ta' informazzjoni u provi huwa, skont l-għażliet magħmula minn dawn ir-regoli, sabiex jiġi evitat li informazzjoni u provi li nkisbu b'mod illegali jippreġudikaw indebitament is-smigħ ta' persuna ssuspettata li wettqet reati kriminali. Dan l-għan jista' jinkiseb taħt id-dritt nazzjonali mhux biss billi jiġi pprojbit l-użu ta' tali informazzjoni u provi waqt is-smigħ, iżda wkoll minn regoli u prassi nazzjonali li jirregolaw l-evalwazzjoni ta', u l-piż li għandu jingħata lil, tali materjal jew billi jiġi kkunsidrat jekk dan il-materjal kienx inkiseb b'mod illegali meta tiġi imposta s-sentenza [23]. Il-prinċipju ta' effettività madankollu wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tifforma regola li teħtieġ l-esklużjoni obbligatorja tal-provi f'ċerti ċirkustanzi speċifiċi. Fejn parti ma hijiex f'pożizzjoni li tikkummenta b'mod effettiv fuq prova li tagħmel parti minn qasam tekniku li dwaru l-imħallfin ma għandhomx informazzjoni u li tista' tinfluwenza b'mod sinjifikattiv l-evalwazzjoni tal-fatti, din il-prova għandha tkun eskluża [24].

[20] Il-Qorti EDB, 12 ta' Mejju 2000, Khan vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2000:0512JUD003539497, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata) u l-Qorti EDB, 10 ta' Marzu 2009, Bykov vs Ir-Russja (CE:ECHR:2009:0310JUD000437802, punti 88 u 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[21] Sentenzi tal-20 ta' Settembru 2001, Courage u Crehan (C-453/99, EU:C:2001:465, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata); tal-24 ta' Settembru 2002, Grundig Italiana (C-255/00, EU:C:2002:525, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata); u tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 223 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[22] Sentenzi tal-10 ta' April 2003, Steffensen (C-276/01, EU:C:2003:228, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata) (iktar 'il quddiem "Steffensen"), u tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 34).

[23] Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 225), u tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għal data li tirrigwarda komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[24] Ir-regola toriġina mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 6(1) KEDB, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-prinċipju tal-kontradittorju; ara: Qorti EDB, 18 ta' Marzu 1997, Mantovanelli vs Franza (CE:ECHR:1997:0318JUD002149793) (iktar 'il quddiem "Mantovanelli"), li għalih tirreferi s-sentenza tal-10 ta' April 2003, Steffensen (C-276/01, EU:C:2003:228, punt 78), kif tagħmel ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrigwarda ż-żamma ġenerali ta' data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punti 226 u 227); u tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għal data li tirrigwarda komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152, punt 44)).

57. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tidher dubjuża dwar dan l-approċċ. Huwa għalhekk utli li tiġi eżaminata l-ġurisprudenza rilevanti.

58. F'Mantovanelli l-prova kkontestata kienet tikkonsisti f'perizja medika, ibbażata fuq analiżi li saru fil-laboratorji, l-intervisti tal-esperti max-xhieda u ċerti dokumenti. Is-Sinjuri Mantovanelli la kienu tħallew jattendu għall-intervisti, u lanqas li jaraw id-dokumenti, iżda kienu tħallew jikkontestaw il-perizja meta ġiet ippreżentata l-qorti. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma kinitx konvinta li dik il-proċedura mogħtija lis-Sinjuri Mantovanelli kienet opportunità reali sabiex jikkummentaw b'mod effettiv dwar il-perizja. Il-kwistjoni li l-perit mediku ngħata struzzjonijiet biex jindirizza kienet preċiżament dik li l-qorti kellha tiddetermina, jiġifieri jekk il-fatti żvelawx negliġenza mill-persunal mediku tal-isptar fl-amministrazzjoni ta' prodott mediċinali partikolari lil pazjent. Il-provi għalhekk kienu jagħmlu parti minn qasam tekniku li kien lil hinn mit-tagħrif tal-imħallef. Għalkemm il-qorti ma kinitx marbuta bil-liġi mal-konstatazzjonijiet tal-espert, huwa probabbli li dawn il-konstatazzjonijiet kien ser ikollhom influwenza sinjifikattiva fuq l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti. Fid-dawl tar-rifjut tal-qorti tar-rikors tas-Sinjuri Mantovanelli sabiex jippreżentaw perizja ġdida kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, huma setgħu jesprimu l-ħsibijiet tagħhom b'mod effettiv qabel ma kienet ippreżentata l-perizja biss billi jipparteċipaw fl-intervisti mal-persunal mediku u billi jikkummentaw dwar id-dokumenti rilevanti. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għalhekk ikkonstatat li, globalment, il-proċeduri tal-qorti ma kinux xierqa [25].

59. Fi Steffensen, kienu ttieħdu kampjuni ta' prodott tal-ikel għal analiżi f'laboratorju. Ir-riżultat ta' din l-analiżi fforma l-bażi għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet amministrattivi li l-prodott ma ssodisfax l-istandard ġuridiku meħtieġ. Skont id-direttiva rilevanti, il-manifattur kellu jkollu l-opportunità li jikseb it-tieni opinjoni sabiex jikkontesta din l-ewwel analiżi. Il-manifattur ma kienx innotifikat li kienu ttieħdu l-kampjuni u għalhekk ma setax jieħu kampjuni mill-istess prodott. Il-Qorti tal-Ġustizzja, billi ċċitat Mantovanelli, osservat li l-istħarriġ tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar jekk smigħ kienx xieraq skont l-Artikolu 6(1) KEDB jirrigwarda l-proċeduri meqjusa globalment, inkluż il-mod li bih ittieħdu l-provi. Hija ddeċidiet li kien għall-qorti nazzjonali sabiex teżamina jekk il-provi inkwistjoni f'dik il-kawża prinċipali kinux jirriżultaw minn qasam tekniku li dwaru l-imħallfin ma kellhomx informazzjoni u li setgħu jinfluwenzaw b'mod sinjifikattiv l-evalwazzjoni tagħhom tal-fatti. Jekk dawn iż-żewġ elementi kienu stabbiliti, il-qorti nazzjonali kellha tistaqsi jekk is-Sur Steffensen kellux opportunità reali sabiex jikkummenta b'mod effettiv fuq dawn il-provi. Fin-nuqqas ta' dan, il-qorti nazzjonali kienet meħtieġa li teskludi l-provi sabiex ma tiksirx il-prinċipju tal-kontradittorju u tad-dritt għal smigħ xieraq [26].

60. L-opportunità għad-difiża li tikkummenta b'mod effettiv dwar il-provi hija parti mill-prinċipju tal-kontradittorju, li huwa aspett prinċipali tad-dritt għal smigħ xieraq protett mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta [27] u l-Artikolu 6(1) KEDB [28]. F'Mantovanelli u Steffensen, iż-żewġ qrati kienu kkonċernati li jevitaw sitwazzjonijiet fejn kawżi kienu deċiżi fuq

25 Il-Qorti EDB, 18 ta' Marzu 1997, Mantovanelli vs Franza (CE:ECHR:1997:0318JUD002149793, punt 36).

26 C-276/01, EU:C:2003:228, punti 76, 78 u 79). Sabiex jiġi evitat id-dubju, din ir-regola fiha tliet kundizzjonijiet kumulattivi. Fejn it-tliet kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti, il-prova għandha tkun eskluża. Ma jirriżultax, madankollu, li qorti għandha tqis prova ammessa fejn it-tliet kundizzjonijiet kollha ma humiex issodisfatti. Finalment, ir-regola tapplika indipendentement minn jekk il-prova inkwistjoni inkisbitx b'mod legali jew illegali.

27 Sentenzi tal-14 ta' Frar 2008, Varec (C-450/06, EU:C:2008:91, punt 47); tal-4 ta' Ġunju 2013, ZZ (C-300/11, EU:C:2013:363, punt 55); u tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għal data li tirrigwarda komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17).

il-bażi ta' provi li jagħmlu parti minn qasam tekniku lil hinn mill-għarfien tal-imħallef, u li d-difiża ma kinitx f'pożizzjoni li tikkontesta. Tali proċedura tkun tpoġġi vantaġġ indebitu fuq il-parti li tinvoka dawn il-provi, u b'dan il-mod tikser id-dritt tal-kontroparti għal smigħ xieraq.

61. Il-provi inkwistjoni fil-proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju huma differenti minn dawk ikkunsidrati f'Mantovanelli u Steffensen. Dawn jikkonsistu f'reġistrazzjonijiet ta' konverżazzjonijiet telefoniċi tal-persuni akkużati dwar l-attivitajiet li qegħdin jiġu investigati. Anki jekk dawn il-provi jista' jkollhom influwenza sinjifikattiva fuq l-evalwazzjoni tal-imħallef tal-fatti, huwa diffiċli li wieħed jara kif dawn jistgħu jirrigwardaw qasam tekniku li dwaru ma għandhom l-ebda għarfien. Fi kwalunkwe każ, il-fatti ta' Mantovanelli u Steffensen huma eżempji utli tal-applikazzjoni tal-prinċipji li qrati nazzjonali jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni meta jiddeċiedu fi proċeduri kriminali.

62. Huwa notevoli wkoll li, fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, l-approċċ xieraq f'Mantovanelli kien ikun li tingħata l-opportunità lis-Sinjuri Montovanelli sabiex jipparteċipaw fil-proċess li wassal għall-produzzjoni tal-perizja jew sabiex jingħatalhom permess sabiex jippreżentaw il-perizja li kienu kkummissjonaw huma stess. B'mod simili, is-soluzzjoni xierqa għal persuni fis-sitwazzjoni tas-Sur Steffensen kienet tkun li jingħataw opportunità sabiex jippreżentaw it-tieni opinjoni. L-esklużjoni tal-provi saret rilevanti biss għaliex mekkaniżmi proċedurali oħrajn, iktar xierqa, ma kinux - b'mod żbaljat - disponibbli. Hija kwistjoni għall-qorti nazzjonali sabiex tevalwa jekk tali opportunitajiet jistgħux ikunu disponibbli lill-persuni akkużati fis-smigħ tagħhom.

63. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet indikati iktar 'il fuq, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi t-tieni domanda preliminari kif ġej:

L-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqrija flimkien mal-Artikolu 5(1) u l-premessa 11 tagħha, għandhom ikunu interpretati fis-sens li qorti nazzjonali:

– li tikkonstata li prova nkisbet b'mod illegali fuq awtorizzazzjoni li ma kellhiex raġunijiet xierqa ma tistax sussegwentement tirrimedja din l-irregolarità billi tippermetti li jiġu ppreżentati raġunijiet għal din l-awtorizzazzjoni retrospettivament, ħlief għal kawżi ta' urġenza debitament iġġustifikata;

– għandha tiddetermina l-ammissibbiltà tal-provi li nkisbu bi ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali tagħha b'tali mod li tosserva (i) il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipji tal-proporzjonalità, tal-ekwivalenza u tal-effettività; u (ii) d-dritt għal smigħ xieraq, inkluż l-osservanza tal-prinċipju tal-kontradittorju, sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta u fl-Artikolu 6(1) KEDB;

– għandha teskludi provi miksuba bi ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet fejn parti quddiemha ma hijiex f'pożizzjoni li tikkummenta b'mod effettiv fuq dawn il-provi, il-provi jagħmlu parti minn qasam tekniku li dwaru l-imħallfin ma għandhomx għarfien u dawn il-provi x'aktarx jinfluwenzaw b'mod sinjifikattiv il-konstatazzjonijiet tal-fatt fil-proċeduri kriminali inkwistjoni.

## V. Konklużjoni

64. Jiena għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Ispetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija) kif ġej:

(1) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi), moqrija flimkien mal-Artikolu 5(1) u l-premessa 11 tagħha għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

– ma jipprekludux prassi fejn l-interċettazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' konverżazzjonijiet telefoniċi ta' persuni ssuspettati huma awtorizzati permezz ta' mudell ġenerali ta' test li fih huwa ddikjarat li d-dispożizzjonijiet statutorji ġew osservati iżda li ma fihx raġunijiet individwalizzata f'dan ir-rigward, sakemm ir-raġunijiet għall-awtorizzazzjoni jistgħu jsiru magħrufa b'mod affidabbli u kkontestati b'mod effettiv mill-persuna akkużata li kienet is-suġġett tas-sorveljanza billi taqra l-awtorizzazzjoni u r-rikors għal din l-awtorizzazzjoni flimkien.

2) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqrija flimkien mal-Artikolu 5(1) u l-premessa 11 tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

– qrati nazzjonali li jikkonstataw li prova nkisbet b'mod illegali fuq awtorizzazzjoni li ma kellhiex raġunijiet xierqa ma jistgħux sussegwentement jirrimedjaw din l-irregolarità billi jippermettu raġunijiet għal din l-awtorizzazzjoni retrospettivament, ħlief għal kawżi ta' urġenza debitament iġġustifikata;

– qrati nazzjonali għandhom jiddeterminaw l-ammissibbiltà tal-provi li nkisbu bi ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali tagħhom b'tali mod li josservaw (i) il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipji tal-proporzjonalità, tal-ekwivalenza u tal-effettività; u (ii) d-dritt għal smigħ xieraq, inkluż l-osservanza tal-prinċipju tal-kontradittorju, sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

– qrati nazzjonali għandhom jeskludu provi miksuba bi ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet fejn parti quddiemhom ma hijiex f'pożizzjoni li tikkummenta b'mod effettiv fuq dawn il-provi, il-provi jagħmlu parti minn qasam tekniku li dwaru l-imħallfin ma għandhomx għarfien u dawn il-provi x'aktarx jinfluwenzaw b'mod sinjifikattiv il-konstatazzjonijiet tal-fatt fil-proċeduri kriminali inkwistjoni.